**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 2 ta' Novembru 2021**

Rikors Numru: 279/21 AL

A B

vs

C D

(MR Number 894/2017)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

1. ILLI l-partijiet izzewgu nhar it-tmienja ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax [08.07.2017] ara Dok. TA 1;

2. ILLI minn dan ma twieldux tfal.

3. ILLI r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Ligjijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante:

    i. Illi l-partijiet ilhom de jure separati mill-hmistax ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghoxrin [15.10.2020] in forza ta' kuntratt redatt min-Nutar Anton Borg [Ara l-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. TA 2'];

    ii. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet li, llum-il gurnata, qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin;

    iii. Illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment;

4. ILLI dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavit hawn anness u immarkat bhala 'Dok. TA 3'.

5. ILLI jigi rilevat li l-partijiet huma domiciljati f' Malta u ghandhom ir-residenza taghhom f’ Malta;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. TIPPRONUNZJA l-hall ta' zwieg li gie ccelebrat mill-partijiet fit-tmienja ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax [08.07.2017];

2. TORDNA lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimata a fol 22 li permezz tagħha esponiet:

1. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti tikkondividi mar-rikorrenti fis-sens illi huma żżewġu nhar it-8 ta' Lulju tas-sena 2017 u konsegwentement huma sseparaw, permezz ta' Att ta' Firda personali in Atti Nutar Dottor Anton Borg, datat 15 t' Ottubru 2020, debitament insinwat fir-Reġistru Pubbliku nhar is-16 t' Ottubru 2020 (Volum 20075/2020);

2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju ghal-premess, l-esponenti tikkondividi wkoll mar-rikorrenti fis-sens illi mill-imsemmi żwieġ, il-partijiet ma kellhomx tfal. Konsegwentement m'hemmx kwistjonijiet li jikkonċernaw manteniment ta' minur, in oltre, lanqas ma teżisti ebda' kwestjoni ta' manteniment versu l-esponenti.

3. Illi fit-tielet lok, l-esponenti tiddikjara illi ma jeżisti ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u konsegwentement taqbel mal-kontenut tar-Rikors promotur u da parti tagħha tiddikjara ulterjorament li hija favur li ż-żwieġ de quo jiġi xolt permezz ta' digriet ta' Divorzju.

4. Illi l-esponent tħoss illi m'għandhiex tbati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri;

5. Illi in finis, l-esponenti tikkondividi li l-partijiet huma effettivament domiċiljati f'Malta u għandhom ir-residenza tagħhom f' Malta. Kwindi, fiċ-ċirkostanzi jeżistu l-estremi ġuridiċi kollha għall-ottjeniment u l-pronunzja tad-divorzju a tenur l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex iż-żwieġ tal-kontendenti partijiet jiġi xolt b'permezz ta' divorzju;

In vista ta' dak espost fil-premess, l-esponenti taqbel mat-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara li m'għandha l-ebda eċċezzjoni xi tressaq f' dan ir-rigward, salv li tixtieq li ma tinkorrix spejjeż relatati mal-proċeduri odjerni.

Daqstant għandha x' tissottometti l-esponenti għas-savju ġudizzju ta' din il-Qorti

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Lulju, 2021;

Rat ir-risposta tal-intimata li ġiet ikkonfermata minnha bil-ġurament tagħha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta' Ottubru 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.